Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 29 ta' Novembru 2022**
**(OR. en)**

**15427/22**

**AGRILEG 189**
**VETER 84**
**PHYTOSAN 58**
**DENLEG 89**
**DELACT 218**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 23 ta' Novembru 2022 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2022) 8349 final |
| Suġġett: | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 23.11.2022 li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri, kontrolli speċifiċi fuq il-bagalji personali tal-passiġġieri u fuq kunsinni żgħar ta' oġġetti mibgħuta lil persuni fiżiċi li mhumiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 8349 final.

Mehmuż: C(2022) 8349 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.11.2022
C(2022) 8349 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 23.11.2022**

**li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri, kontrolli speċifiċi fuq il-bagalji personali tal-passiġġieri u fuq kunsinni żgħar ta' oġġetti mibgħuta lil persuni fiżiċi li mhumiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Il-verżjonijiet bil-lingwa Finlandiża u Olandiża tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 fihom żball. Sabiex dawn il-verżjonijiet lingwistiċi jiġu allinjati mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra, hemm bżonn li jiġi adottat Regolament Delegat li jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2019/2122.

## 2. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Dan ir-Regolament Delegat jikkoreġi żball ta' traduzzjoni fil-verżjonijiet bil-lingwa Finlandiża u Olandiża tat-test.

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 23.11.2022**

**li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri, kontrolli speċifiċi fuq il-bagalji personali tal-passiġġieri u fuq kunsinni żgħar ta' oġġetti mibgħuta lil persuni fiżiċi li mhumiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali)[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 48(d) u (e), l-Artikolu 53(1)(d)(ii) u l-Artikolu 77(1)(k) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjonijiet bil-lingwa Finlandiża u Olandiża tal-Anness III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2122[2] fihom żball fil-frażi introduttorja tal-punti 2 u 3 li jbiddel it-tifsira tad-dispożizzjonijiet.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjonijiet bil-lingwa Finlandiża u Olandiża tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 jiġu kkoreġuti kif xieraq. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati,

[1] ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

[2] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2122 tal-10 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri, kontrolli speċifiċi fuq il-bagalji personali tal-passiġġieri u fuq kunsinni żgħar ta' oġġetti mibgħuta lil persuni fiżiċi li mhumiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 (ĠU L 321, 12.12.2019, p. 45).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

*(Ma japplikax għal-lingwa Maltija)*

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 23.11.2022

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
*Ursula VON DER LEYEN*